MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

SEDUTA TAL-15 TA' DICEMBRU, 2010

CITAZZJONI NUMRU. 737/2010

**AVUKAT DOTTOR MICHAEL ZAMMIT MAEMPEL (ID: 51677[M])**
**BĦALA MANDATARJU SPEĊJALI GĦAN-NOM U IN RAPPREŻENTANZA**
**TA' L-ASSENTI MINN MALTA ELENA MACI (NRU. TAL-KARTA' TA' L-IDENTITÁ TALJANA AN 8936284)**

**-VS-**

**EUROPEAN INSURANCE GROUP LIMITED (C35708)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat ppresentat mill-attur nomine fit-22 ta' Lulju, 2010 li *in forza* taghha, wara li ppremetta :

1. ILLI dan huwa rikors ai termini tar-Regolament Numru (EC) 44/2001 tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropeja, maħruġ fit-22 ta' Diċembru, 2000, kif emendat u applikabbli f'Malta;

2. ILLI l-avukat rikorrent ingħata prokura speċjali datata 12 ta' Lulju, 2010 mingħand Elena MACI (Nru. tal-Karta' ta' l-Identitá Taljana: AN 8936284), residenti 24, Via Giuseppe di Vagno, Campi Salentina, Lecce, Italja, sabiex jidher f'isem u għan-nom ta' l-istess mandatriċi f'dawn il-proċeduri, kopja ta' liema prokura qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala **Dok. A**.

3. ILLI permezz ta' sentenza tas-6 ta' Frar, 2010 (eżegwibbli bħala titolu eżekuttiv b'effett mit-18 ta' Marzu, 2010), mogħtija mit-'Tribunale di Lecce' fl-Italja, fl-ismijiet "*MACI Elena –vs- European Insurance Group Limited (E.I.G. Ltd)*" s-soċjetá intimata ġiet ddikkjarata debitriċi tar-rikorrenti fis-somma ta' **mitejn elf Euro (€200,000)**, u sussegwentement ġiet ikkundannata illi tħallas lir-rikorrenti Maci is-somma msemmija, oltre l-imgħaxijiet legali mid-dati ta' meta r-rikorrenti effettwat il-ħlasijiet msemmija fis-sentenza, sal-ġurnata tal-pagament effetiv; u inoltre wkoll l-ispejjeż ġudizzjarji ammontanti għal **elfejn, mija u disgħa u ħamsin Euro (€2,159.00)** – u dana skond kif jirriżulta mill-kopja awtentikata tas-sentenza in kwistjoni fil-lingwa Taljana annessa u mmarkata bħala Dok. B, flimkien ma' traduzzjoni awtentitikata ta' din is-sentenza bil-lingwa Ngliża mmarkata bħala Dok. C;

4. ILLI s-sentenza fuq ċitata hija eżegwibbli fl-Italja;

5. ILLI l-esponenti għandu interess illi jeżegwixxi s-sentenza fuq ċitata kontra soċjetá intimata, illi hija reġistrata u topera minn Malta;

Talab ghaldaqstant u ghar-ragunijiet suspjegati li is-socjeta' konvenut tghid ghaliex din il- Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikkjara eżegwibbli, u konsegwentement tordna l-eżekuzzjoni tas-sentenza fuq ċitata sabiex ir-rikorrent nomine jkun jista' jeżiġi l-ħlas fl-ammont ta' **mitejn elf Euro (€200,000.00)** bl-ispejjeż ġudizzjarji ammontanti għal **elfejn, mija u disgħa u ħamsin Euro (€2,159.00)** kif dedotti fis-sentenza ċitata, u bl-imgħaxijiet mid-dati ta'

meta r-rikorrenti effettwat il-ħlasijiet msemmija fl-istess sentenza ċitata, sal-ġurnata tal-pagament effetiv;
2. Bl-ispejjeż ta' dina l-proċedura kontra s-soċjetá intimata li hija minn issa stess inġunta għas-subizzjoni.

Rat il-lista tad-dokumenti ta' l-attur nomine;

Rat in-nota ta' European Insurance Group Limited (C35708) tad-19 ta' Ottubru, 2010;

Illi l-Qorti rat l-Artikolu 40 tar-Regolament 44/2001 EC illi jghid inter alia illi l-applikant ghandu jipprovdi indirizz ghas-servizz tal-process f'dik iz-zona tal-gurisdizzjoni ta' Qorti ta' fejn tkun saret l-applikazzjoni. B'dan kollu, jekk il-ligi ta' l-Istat Membru li fih ikun imfittxija l-eżekuzzjoni ma jipprovdix ghal ghoti ta' indirizz bhal dak, l-applikant ghandu jahtar rapprezentant ad litem.

Illi l-Artikolu 40 jghid ukoll illi id-dokumenti msemmija fl-Artikolu 53 ghandhom ikunu mehmuzin ma' l-applikazzjoni.

Illi l-Artikolu 41 ta' l-istess regolament jghid illi is-sentenza ghandha tigi ddikjarata ezegwibbli immedjatament mat-twettieq tal-formalitajiet fl-Artikolu 53 minghajr xi reviżjoni permezz ta' l-Artikoli 34 u 35.

Illi l-Qorti rat l-Artikolu 53 illi jghid illi il- parti li tfittex r-rikonoxximent jew li tapplika ghal dikjarazzjoni ta' ezekuzzjoni ghandha tipproduci kopja tas-sentenza li jissodisfa l-kondizzjonijiet mehtieġa biex tigi stabbilita l-awtenticità taghha.

Illi f'dan ir-rigward il-Qorti rat illi s-sentenza giet ipprezentata u tinsab esebita a fol. 9 sa fol. 15 ta' dan il-process.

Illi is-subartikolu (2) tal-Artikolu 53 ighid hekk : illi l-parti li tapplika ghal dikjarazzjoni ta' ezekuzzjoni ghandha wkoll tipproduci c-certifikat msemmija fl-Artikolu 54, bla hsara ghal l-Artikolu 55.

Illi l-Artikolu 54 jghid illi il-Qorti jew l-awtorità kompetenti ta’ Stat Membru fejn kienet inghatat is-sentenza ghandha tohrog, fuq it-talba ta’ xi parti interessata, certifikat li juza l-formola normali fl-Anness V ta’ dan ir-Regolament.

Illi l-Artikolu 55 ighid jekk ma jigix prodott ic-certifikat imsemmi fl-Artikolu 54, il-Qorti jew l-awtorità kompetenti tista’ tispecifika zmien ghal prezentazzjoni tieghu jew taccetta dokument ekwivalenti jew, jekk tikkunsidra li jkollha informazzjoni sufficjenti quddiemha, tezenta mill-produzzjoni tieghu.

Illi l-Artikolu 55 (2) ighid illi jekk il-Qorti jew l-awtorità kompetenti tkun tehtieg, ghandha tigi prodotta traduzzjoni ta’ dawk id-dokumenti. It-traduzzjoni ghandha tkun iccertifikata minn persuna kwalifikata biex taghmel hekk fl-Istat Membru.

Illi l-Qorti rat illi ic-certifikat imsemmi fl-Artikolu 54 gie prodott mill-attur permezz ta’ nota fit-3 ta’ Dicembru, 2010.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza.

Billi mill-provi prodotti, it-talbiet kif dedotti fir-rikors guramentat jirrizultaw ippruvati.

Taqta u tiddeciedi din il-kawza billi <u>tilqa</u>’ it-talbiet tal-attur nomine kif dedotti;

Bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------